MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-17 ta' Awwissu, 2010

Numru. 753/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Kevin J. Farrugia**
**Vs**

**LUDWIG MICALLEF**

**Seduta ta' llum sbatax (17) t'Awissu 2010**

**Il-Qorti:-**

Rat li l-imputat **LUDWIG MICALLEF** ta' tlieta w ghoxrin sena, bin Mario w Agnes nee Micallef, imwieled Pieta nhar s-sitta w ghoxrin t'Awwissu 1986 u residenti 'Micals', Triq Marmora, San Gwann, detentur tal-karta tal-identita numru 392486M, gie mressaq quddiemha akkuzat:

1. talli fis-sebgha w ghoxrin t'Awwissu 2005 ghall-habta tal-hamsa neqsin ghaxra ta' wara nofsinhar gewwa Triq il-Kosta, Bahar ic-Caghaq, u f'inhawi ohra fil-

Gzejjer Maltin, b'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'’nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, kkaguna l-mewt tal-passiggier Clifford Micallef ta’ tmintax il-sena minn San Gwann u dan meta kien qed isuq u/jew kellu kontroll tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni FAS 252 tal-marka Honda Civic;

2. talli saq l-imsemmija vettura bin-numru ta' registrazzjoni FAS 252 tal-marka Honda Civic b’GAK 071 b’manjiera traskurata, bla kont u b'manjiera perikoluza;

3. Talli saq l-imsemmija vettura bin-numru ta' registrazzjoni FAS 252 tal-marka Honda Civic billi ecceda l-limitu ta’ velocita dak ta’ tmenin kilometru fis-siegha barra ibliet w irhula u dak ta’ hamsin kilometru fis-siegha fl-ibliet w irhula;

4. talli b'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'’nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, kkaguna u/jew ghamel hsara jew hassar jew gharraq xi haga u dan meta dahal f’hajt ta’ residenza li ggib l-isem ‘Maui’, sitwata fi Triq il-Kosta, Bahar ic-Caghaq u dan ghad-dannu ta’ Josephine Degaetano.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew jottjeni xi licenzja tas-sewqan ghal perjodu li jidhrilha xieraq.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom il-process verbal redatt mill-Magistrat Dottor Silvio Meli nhar t-tlieta ta’ Lulju 2006 esibit a fol. 10 et seq tal-atti, u l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar s-sittax ta’ Mejju 2007 (fol. 124) sabiex fin-nuqqas t’oggezzjoni da parti tal-imputat din il-kawza tigi ttrattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha ta’ Gudikatura Kriminali.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta (fol. 125).

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni kif wkoll lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju.

Ikkunsidrat:

Illi nhar d-disgha t'Awwissu 2006 **xehed AIC Richard Aquilina** (fol. 68) fejn ikkonferma r-relazzjoni tieghu esibita bhala Dok. RA a fol 33 tal-atti. Qal li hu kien gie nominat fl-atti ta' l-inkjesta mill-Magistrat Dottor Silvio Meli b'digriet tieghu tas-sebgha w ghoxrin t'Awwissu 2005 u dan dwar incident stradali li sehh f'Coast Road Bahar ic-Caghaq fejn Clifford Micallef korra gravi. Ix-xhud ikkonferma r-relazzjoni tieghu esebita fl-atti, liema relazzjoni tinsab immarkata bhala Dok. RA.

Illi nhar d-disgha t'Awwissu 2006 **xehed L-Ispettur Kevin J. Farrugia** (fol. 70) fejn ikkonferma r-rapport tieghu a fol 14 tal-process verbal, liema rapport gie ppresentat minnu lill-Magistrat ta' l-ghassa Dottor Silvio Meli datat tletin t'Awwissu 2005 u jinsab inserit fl-atti a fol 14 tal-proces verbal. Ikkonferma li dan ir-rapport sar minnu lill-istess Magistrat w gharaf il-firma tieghu fuq dan ir-rapport.

F'dan ir-rapport jispjega li nhar is-sebgha w ghoxrin t'Awwissu 2005 il-pulzija tan-Naxxar kienu gew infurmati li gara incident stradali gewwa Triq Bahar ic-Caghaq Bahar ic-Caghaq u cioe fil-*coast road*. Qal li l-pulizija marru fuq il-post fejn meta raw li l-incident kien wiehed gravi, kienu nfurmawh bhala l-Spettur li kien tal-ghassa dakinhar u ghalhekk hu kien acceda fuq il-post fejn kien nnota li dan l-incident sehh hekk kif tkun niezel min naha ta' St. Andrews ghal Bahar ic-Caghaq, qabel taqbad il-'White Rocks', fejn kien hemm marki jindikaw li grat xi kollizjoni gewwa residenza bl-isem 'Maui'.

Qal li hemm nnota li kien hemm il-gebel imcaqlaq u xi partijiet ta' vettura mhollija fuq il-post, filwaqt li ftit l-isfel, ezattament fid-dahla tal-'White Rocks' kien innota li kien

hemm vettura b'daqqa kbira in-naha tal-passiggier fejn din kienet taghlaq l-entratura tal-'White Rocks'. Qal li dakinhar hu kien ikkonferma li l-passiggier kien ttiehed l-isptar peress li kien sofra feriti gravi u dan kien certu Clifford Micallef ta' tmintax l-sena u dan kellu *injruies* ta' natura gravi. Qal li hu kien gie nfurmat ukoll minn gewwa l-isptar, minn Dr. Jonathan Joslin, li kien qieghed fil-periklu tal-mewt, w ghalhekk kien informa lill-Magistrat tal-ghassa fejn dan, minn naha tieghu, ordna li ssir inkjesta u hatar diversi esperti.

Zied jghid ukoll li fuq il-post kien kellem lix-xufier tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni FAS 252 li kien l-imputat presenti fl-awla, fejn wara li nghata s-solitu twissija, kien ikkonferma li hu kien qed isuq u mieghu bhala passiggier kellu lill-vittma, li kien diga ttiehed l-isptar, u fuq wara kien hemm passiggier iehor, certu Marlon Ellul, detentur tal-karta tal-identita numru 345687M. Qal li f'dan l-incident, l-unika persuna li kienet sofriet feriti, kien l-istess vittma li kien ttiehed l-isptar. Qal li x-xufier u l-passiggier li kien riekeb fuq wara, kienu ghadhom fuq il-post meta mar hu. Ix-xhud zied jghid li hu kien tkellem ma Marlon Ellul fejn tah ukoll is-solitu twissija, fejn dan kien ikkonferma li waqt li kienu nezlin, hu kien qieghed fuq is-*seat* ta' wara u li l-i*speed* li kien ghaddej bih ix-xufier, cioe l-imputat, kien **wiehed eccessiv**.

Qal li sussegwentement, hu kien gie nfurmat jiem wara, li l-vittma kien miet gewwa l-isptar San Luqa, nhar d-disgha w ghoxrin t'Awwissu 2005, fl-ITU ta' l-isptar San Luqa w ghalhekk hu rega' nforma lill-Magistrat tal-ghassa, fejn kienet giet ordnata li ssir l-awtopsja fuq dan il-kadavru ta' Clifford Micallef.

In kontr'ezami, ix-xhud, mistoqsi jekk kienx hemm xi kambjament fis-sit tal-incident saz-zmien meta wasal hu fuq il-post u gew l-esperti nominati mill-Qorti, wiegeb li kif dejjem jaghmel bhala procedura normali, kif wasal fuq il-post, ghalaq il-post u preserva ix-xena permezz ta' *tape* tal-pulizija, anzi fil-fatt x-xena kienet diga preservata mill-pulizija li waslu fuq il-post qablu. Qal li dak li gie relatat mill-esperti fl-inkjesta huwa l-istess haga li hu kkonstata

dakinhar.  Qal li kien is-surgent li kien ser jixhed warajh li kien fuq il-post qablu.

Illi nhar d-disgha t'Awwissu 2006 **xehed PS 3 Kevin Grima** (fol. 73) fejn qal li fis-sebgha w ghoxrin t'Awwissu 2005 ghall-habta tal-hamsa ta' filghaxija hu kien qieghed l-ghassa tal-pulizija tan-Naxxar fejn gew infurmati, permezz ta' telefonata mill-Control Room tal-pulizija, li kien sehh incident fil-Coast Road Bahar ic-Caghaq u marru fuq il-post.  Qal li hemmhekk sab karozza bin-numru tar-registrazzjoni FAS 252 tal-ghamla Honda Civic, li kellha hsara estensiva fil-parti ta' quddiem taghha u kienet vicin il-kosta propju ezatt fid-dahla li tiehdok il-'White Rocks'.

Qal li mill-investigazzjonijiet mizmuma minnu, rrisulta li s-sewwieq ta' din il-vettura kien Ludvig Micallef, l-istess sid tal-vettura li gharaf presenti fl-awla bhala l-imputat odjern u kellmu fuq il-post.  Spjega li l-imputat dakinhar kien qallu li kien gej mid-direzzjoni ta' St. Andrews, niezel lejn Bahar ic-Caghaq u appena wasal fil-parti ta' dik it-triq li taghti ghal Madliena, Madliena Hill, <u>tilef il-kontroll u baqa diehel f'residenza fin-naha tax-xellug bl-isem 'Maui' u spicca fuq in-naha opposta tat-triq</u>.  Qallu li bhala passiggier fuq in-naha ta' quddiem kien hemm Clifford Micallef li kien ferut u spicca l-isptar u ma kienx fuq il-post meta wasal hu.

Zied jghid li bhala passiggier, kien hemm Marlon Ellul u kellmu wkollu dan Marlon Ellul kien qallu li ma kienx jiftakar kif kien sehh l-incident pero qallu li jiftakar li s-sewwieq ma kienx qed isuq bi *speed* eccessiv.  Ix-xhud kompla jghid li sussegwentement kienu gew infurmati mit-tabib Dr. Jonathan Joslin mid-dipartiment tal-emergenza tal-isptar San Luqa, li Clifford Micallef kien fil-periklu tal-mewt w ghalhekk infethet l-inkjesta relattiva.

Spjega li meta wasal fuq il-post hu ppreserva ix-xena sakemm wasal l-Ispettur Kevin Farrugia w irceva l-ordnijiet minghandu.   Esebixxa kopja ta' l-okkorrenza relattiva ghal dan ir-rapport, liema okkorrenza giet immarkata bhala Dok. PS (fol. 76 et seq).  Qal li kien hu l-ewwel persuna li kellem lil dawn iz-zewg persuni u cioe lis-sewwieq u l-passiggier u dak li qalulu hu kien kitbu u

jinsab imsemmi fl-okkorrenza li esebixxa. Qal li sussegwentement bdew jaslu l-esperti u l-Ispettur Farrugia ghaliex hu kien wahdu meta wasal fuq il-post l-ewwel.

Illi nhar l-hmistax ta’ Novembru 2006 **xehed il-perit tekniku Joseph Zammit** (fol. 91) fejn ikkonferma r-relazzjoni kongunta tieghu ma Dottor Yana Micallef Stafrace esibita bhala Dok. JMS a fol 54 tal-atti.

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta’ Dicembru 2006 **xehed Brian Farrugia** (fol. 98) fejn ikkonferma li l-vettura tal-ghamla Honda bin-numru ta’ registrazzjoni FAS 252, fis-sebgha w ghoxrin t’Awwissu 2005, kienet registrata fuq Ludwig Micallef detentur tal-karta tal-identita numru 392486M.

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin ta’ Marzu 2007 **xehed Andrew Pizzuto** (fol. 105) ghan-nom w in rappresentanza ta’ ‘Middlesea Insurance plc’ fejn qal li minn ricerka li ghamel fuq l-vettura tal-ghamla Honda bin-numru ta’ registrazzjoni FAS 252, irrizultalu li fis-sebgha w ghoxrin t’Awwissu 2005 din kienet registrata fuq Ludwig Micallef detentur tal-karta tal-identita numru 392486M. Qal li din il-vettura kienet harget fit-tnejn ta’ Lulju 2005 ghal perjodu ta’ sena u kienet *third party only*.

Illi nhar l-hamsa ta’ Lulju 2007 **xehdu l-Professoressa Marie Therese Camilleri u Doctor Sarfraz Ali** (fol. 130) fejn ikkonfermaw r-relazjoni taghhom esibita bhala Dok. MTC a fol 47 et seq tal-atti. Minn din ir-relazzjoni jirrizulta is-segwenti li l-vitma li tilef hajtu nhar is-27 ta’ Awwissu 2005 meta kien fil-vettura ma l-imputat kien b’sahtu, bla ebda storja ta mard jew ta xi operazzjoni, ma kien that l-ebda kura medika jew medicinali, minghajr storja ta tehid ta drogi, la kien ipejjep u lanqas jixrob xorb alkoholiku. Kien jahdem ta delivery mand. Il-kawza tal-mewt tieghu kienet “*fractured skull subarachnoid haemorrage and necrosis of the brain following a motor vehicle accident*.”

Illi nhar l-hamsa ta’ Lulju 2007 **xehdet Ruth Pace** (fol. 131) fejn qalet li hi kienet tiela minn hdejn l-‘Splash & Fun’

sejra fid-direzzjoni ta’ San Giljan u meta waslet fejn il-*bus stop* li hemm iktar ‘l fuq mill-‘Splash & Fun’, rat karozza gejja mid-direzzjoni opposta u ratha wkoll tispinnja u spiccat fuq il-karregjata taghha tat-triq, ezatt quddiemha. Qalet li hi ma rathiex diehla la f’xi hajt u lanqas f’xi karozza ohra. Wara li giet moqrija lilha x-xhieda li kienet tat quddiem l-espert Dottor Yana Micallef Stafrace, fl-atti tal-inkjesta, hi kkonfermatha fl-intier taghha.

Qalet li l-imputat odjern huwa l-persuna li kienet qed issuq il-karozza li effettivament kienet qed tispinnja quddiemha u mieghu kien hemm tnejn min-nies ohra. Qalet li hi kienet flimkien mar-ragel taghha fil-karozza u li effettivament waqfu jistennew lill-ambulanza tigi ghaliex kien hemm passiggier li kien riekeb fil-karozza li kienet qed tispinnja, li kien ferut. Mistoqsijja xi *speed* kellha l-vettura li kienet riesqa lejha, ix-xhud wiegbet li ma kienetx taf, pero taf li kienet qed tispinnja. Mistoqsijja jekk kienx hemm xi hsarat li kienet qed tiswingja quddiemha, wiegbet fl-affermattiv, u jekk mhux sejra zball, kien hemm xi hsarat fuq in-naha tal-passiggier. Qalet li l-vettura ‘n kwistjoni spiccat fuq in-naha l-ohra tat-triq, jigifieri l-karreggjata zbaljata taghha hdejn il-‘White Rocks’. Qalet li kif sehhet din il-hsara fil-vettura, hi ma kienetx taf. Qalet li hi ma rat l-ebda impatt isehh.

Illi nhar l-hamsa ta’ Lulju 2007 **xehed Ryan Fava** (fol. 133) fejn wara li giet moqrija lilu x-xhieda li kien ta quddiem l-espert Dottor Yana Micallef Stafrace fl-atti ta’ l-inkjesta, ix-xhud ikkonfermaha fl-intier taghha. Spjega li hu ma rax il-karozza ‘n kwistjoni li kienet gejja fid-direzzjoni tieghu fuq il-karreggjata taghhom tahbat ma karozza ohra izda rawha biss tispinnja quddiemhom. Qal pero li ra il-hsara fuq in-naha tal-passiggier tal-vettura. Meta gew murija lilu r-ritratti esebiti f’dawn l-atti fil-faxxikolu mmarkat bhala Dok. RS, x-xhud qal li f’dawn ir-ritratti jidhru l-karozza ‘n kwistjoni li kellha l-impatt fuq in-naha tal-passiggier kif wkoll fejn sehh l-incident in kwistjoni. Qal li hu ra l-vettura tispinnja quddiemu f’distanza daqs it-tul tal-awla, bejn wiehed u iehor. <u>Qal wkoll li kien hemm *brake marks* tal-vettura ‘n kwistjoni</u>.

Illi nhar t-tlieta ta' Settembru 2007 **xehed Marlon Ellul** (fol. 139) fejn qal li hu joqghod fir-residenza 177, Triq it-Turisti, Bugibba. Ftakar li jum fost l-ohrajn tas-sena 2005 fix-xahar ta' Awissu hu kien qieghed mal-mejjet Clifford Micallef meta ghaddew filghodu fil-garaxx tieghu. Qal li effettivament kienu qed jahslu l-van ta' missieru u hargu biex jahslu l-karozza tieghu mill-garaxx u baqghu jimxu sakemm iltaqghu ma Ludwig Micallef l-imputat odjern u bdew iparlaw bejniethom u l-imputat qalilhom biex immorru dawra bil-karozza mieghu. Qal li huma rikbu mieghu u hu (x-xhud) rikeb wara, filwaqt li Clifford qaghad quddiem magenb l-imputat Ludwig Micallef. Ftakar li f'xi hin waqfu hdejn it-*traffic lights* ta' Pembroke u hu mtedd fuq is-*seat* ta' wara meta waqfu, u wara ftit minuti habtu. Qal li hu kien minghalih li dahlu f'ta quddiemhom. Zied jghid li x'hin hareg minn taht is-*seat,* ra lil siehbu bid-demm hiereg minn halqu. Spjega li huma kienu rekbin f'karozza tal-ghamla Honda kulur griz. Mistoqsi x'gara ma l-impatt, ix-xhud wiegeb li l-karozza baqghet titkaxkar u fil-fatt bejnu u bejn ruhu waqt li kien bejn is-*seat* qal '<u>kemm ser ndumu nitkaxkru</u>'. Ix-xhud zied jghid li hu kien minghalih li kienu dahlu fil-karozza ta' quddiemhom, ghax ma kien qed jara xejn.

Qal li kif gara l-accident, hu ma kienx jaf. Qal li huma kienu fid-direzzjoni nezlin lejn l-'Splash & Fun'. Mistoqsi xi *speed* kienu ghaddejjin bih, x-xhud wiegeb li ma kienx jaf pero qal li bil-mod kienu ghaddejin. Qal li hu, dak iz-zmien ma kienx ghadu jsuq pero kellu licenzja tas-sewqan. Mistoqsi jekk kellux xi feriti dakinhar, ix-xhud wiegeb li kien wegga' gembu mas-*seat*. Qal li wara d-daqqa, hareg minn bejn is-*seats*. Qal li meta ra lil Clifford Micallef kif kien, ha xokk u dar fuq l-imputat u l-imputat fetahlu ghajnejh. Qal li meta l-imputat ra li Clifford Micallef kollu demm, hareg mill-karozza u hu (x-xhud) ghamel bhalu, hareg warajh. Kompla jghid li l-habta sehhet fil-bidu tan-nizla hekk kif tkun sejjer lejn l-'Splash & Fun'. Qal li dak il-hin ma kienx jaf fejn habtu, u sar jaf wara. <u>Mistoqsi x'ried ifisser meta fl-inkjesta kien qal li l-imputat Ludwig Micallef kien ghaddej naqra qawwi iktar milli suppost, wiegeb li b'dan ried ifisser li l-magna tal-karozza kienet qed tinstema' peress li kienet rrezjata.</u>

Mistoqsi jekk rax xi nies ghaddejjin vlegga minn magenbu, wiegeb li le ghax hu kien mindud u beda jhares ‘l fuq.

**In kontr’ezami,** mistoqsi jekk jiftakarx li kien kellmu surgent fuq il-post, wiegeb li ma jiftakarx. Qal li jjiftakar li kien hemm xi ragel li wasslu biex ikellem lil omm Clifford Micallef. Mistoqsi jekk qabel ma telaq, tkellimx mal-pulizija, ix-xhud wiegeb li ma jiftakarx u kull ma ftakar li kien xehed quddiem persuna nominata mill-Qorti, pero li kellmu s-surgent ma ftakarx.

Illi nhar t-tlieta ta’ Settembru 2007 **xehdet Miriam Dalli** (fol. 142) ghan-nom w in rappresentanza ta’ ‘Super One TV’, fejn esibit *recording* ta’ filmat mehud waqt l-incident in dezamina, **u cioe nhar is-sebgha w ghoxrin t’ Awwissu 2005,** fuq DVD li gie mmarkat bhala Dok Z. Qalet li dan gie mehud minn *cameraman* ta’ ‘Super One TV’, pero x’jismu l-*cameraman*, ma tiftakarx.

Illi nhar t-tnejn w ghoxrin ta’ Novembru 2007 **xehdet Stephanie Bezzina** (fol. 147) fejn esibiet certifikat tal-mewt ta’ Clifford Micallef li miet nhar s-sitta w ghoxrin t’Awwissu 2005, bhala Dok. Z.

Illi nhar t-tlieta ta’ Jannar 2008 **xehed Dotter Stephen Farrugia Sacco** (fol. 151) fejn esibixxa d-Dok. SFS kif wkoll d-DVD li kien irtira mill-atti sabiex qeda l-inkarigu moghti lilu (fol. 197).

Illi nhar l-hamsa t’Awwissu 2008 **xehed Dino Demicoli** (fol. 192) fejn ikkonferma li d-DVD esibit fl-atti w il-filmat li jidher fl-imsemmi DVD gie mehud minnu peress li l-istazzjon li mieghu jahdem, kien baghtu fuq il-post tal-incident u gibed l-istess *video*.

Illi nhar t-tlieta w ghoxrin t’Ottubru 2008 **xehdet Josianne Degaetano** (fol. 199) fejn qalet li l-incident in kwistjoni li sehh fis-sebgha w ghoxrin t’Awwissu 2005, gara fi Triq il-Kosta, Bahar ic-Caghaq proprju quddiem id-dar taghha, u cioe ‘Villa Maoi’, The Coast Road, Bahar ic-Caghaq. Qalet li hi kienet semghet l-incident kif wkoll hassitu

peress li l-vettura ‘n kwistjoni, baqghet diehla gol-hajt tal-gnien taghha.

Qalet li jekk mhix sejra zball, kien hemm karozza tal-ghamla Honda Civic bi tliet bibien w is-sewwieq taghha kien hareg mill-vettura, u ma deherx li kien ferut. Qalet li l-passiggier ta’ quddiem kien f’sitwazzjoni kritika, fil-fehma taghha ghaliex id-daqqa saret fuq in-naha tal-passiggier. Qalet li kien hemm *coach* ghaddej u minnu nizlu tlieta min-nies, fosthom wahda mill-persuni kienet xi *paramedic* barranija u tatu l-ghajnuna. Qalet li hi kellha hsara u waqghu xi knagen fil-*front garden* taghha.

Illi nhar s-sebgha ta’ Jannar 2009, il-Qorti zammet seduta l-Qorti fejn giet murija DVD u minnu jidher li hemm ritratt tal-vettura li kien riekeb l-vittma bil-parti ta’ quddiem taghha tax-xellug imkisser. Jidher li l-vettura ghandha wkoll hsarat ohra konsiderevoli. Il-Qorti tirrileva li l-persuna li tidher fil-*bus shelter* kif tidher fuq l-istess DVD hija l-persuna tal-imputat u t-tfajla li tidher fl-istess DVD fil-*bus shelter* hija l-ex gharusa tal-imputat li hi minn Pembroke. Il-Qorti tirrileva wkoll li din l-identifikazzjoni qed issir mill-parte civile presenti fl-awla. Il-Qorti tirrileva wkoll li kif jidher fl-istess DVD, fuq in-naha opposta tal-vettura, taħt cint, hemm qoxra tal-bieba tal-vettura li kien riekeb l-imputat u dan quddiem r-residenza ta’ Josianne Degaetano u li z-zewg nisa li jidhru ma gemb l-pulizija fl-ahhar parti tal-istess DVD huma ddentifikati mill-istess Qorti bhala li huma Josianne Degaetano u bintha Becky Degaetano.

Illi nhar l-ewwel t’April 2009 **xehed Joseph Zammit** (fol. 206) fejn mistoqsi jekk jafx lill-imputat odjern, wiegeb li jafu. Qal li xi gimghat qabel ma sehh l-incident in kwistjoni, hu kien ircieva telefonata minn residenti li joqghodu fi Triq il-Mediterran, Pembroke, li kien hemm persuna li qed issuq vettura b’velocita mhux normali u kien id-dlam u kien filghaxija. Qal li hu joqghod fi triq wara Triq il-Mediterran w ghalhekk mar jara x’gara u sab lill-imputat u dar fuqu u qallu li kien hemm nies li kienu qed jirrapurtaw li kien qed issuq b’velocita. Ix-xhud qal li l-imputat kien qallu li ma kienx qed isuq b’velocita. Ix-xhud

zied jghid li hu kien qal lil imputat li fis-siegha ta' filghodu, minhabba l-hoss, kien idejjaq lin-nies. Kompla jghid li fit-triq kien hemm tabelli li juri li l-velocita kellha tkun ta' hamsa w erbghin kilometru fis-siegha. Ix-xhud spjega li l-imputat kien gharus lit-tifla tal-Vici Sindku dakinhar u kien qallu li b'rispett anke tieghu, kellu jsuq b'dasqxejn iktar b'kawtela. Qal li ma kienx ta kaz x'tip ta' karozza kienet. Qal li lill-imputat jagharfu ghalkemm il-fattizzi tieghu dakinhar kienu nbidlu u kien f'dik l-okkazzjoni biss li kien kellem lill-imputat.

Illi nhar t-tnejn ta' Marzu 2009 xehed **Joseph Zammit in kontr'ezami** (fol. 224 et seq.) fejn qal li hu kien qed jixhed ghan-nom w in rapprezentanza tal-Kunsill Lokali ta' Pembroke. Mistoqsi min kienu n-nies li cemplulu wiegeb li ma kienx jaf min huma pero kienu diversi. Qal li hu ma hax notament ta' dawn in-nies pero qal li nizel filghaxija w inzerta lill-persuna isuq il-karozza. Zied jghid li kien ghall-habta tas-sistta w nofs w is-sebgha ta' filghaxija u kien diga dalam u kienu qalulu li kien hemm persuna qed issuq karozza bi *speed* eccessiv tiela u niezla. Qal li din il-persuna rrizultalu li kienet l-imputat odjern. Qal li dakinhar kien waqaf f'post quddiem id-dar ta' Charles Bezzina li kien il-Vici Sindku, ghax kien gharus lit-tifla tieghu. Qal li sussegwentement imbaghad wara dan il-kaz t'illum u cioe l-omicidju nvolontarju, nduna li dan kien l-istess persuna li effettivament kien ikellem lit-tifla tal-Vici Sindku. Kompla jghid li r-residenti ma qalulux liema karozza kienu raw, pero meta nizel ra li kienet il-karozza tal-imputat. Qal li hu kien baqa mar-residenti li jekk jerga jsir l-istess kaz, icemplulu u hekk ghamlu u kien ghalhekk li nizel. Qal li fil-fatt ir-rapport ma kienx ta' darba. Qal li lilu ma qalulux li kien l-imputat Ludwig Micallef li kien qed isuq izda qalulu li kien hemm karozza li kienet qed issuq bi *speed* fi triq fejn il-massimu kien ta' erbghin kilometru u kien qed isuq b'iktar. Qal li ma kienet saret ebda identifikazzjoni tal-ghamla jew kulur ta' karozza. Spjega li biex wasal biex nizel hu, kien hemm diversi rapporti li saru qabel, pero qatt ma tawh deskrizzjoni tal-persuna li kienet qed issuq jew l-ghamla tal-karozza nvoluta. Qal li kienet wara telefonata li hu nizel u sab lill-imputat u hu nizel fuq il-post wara hmistax jew ghoxrin minuta. Ikkonferma li hu ra lil

imputat Ludwig Micallef isuq, u li mar warajh w innota fejn waqaf. Qal li rah isuq Triq il-Mediterran, Pembroke ghat-tul kollha taghha, rah idur, jerga jinzel u jieqaf quddiem id-dar ta’ Kevin Borg, Sindku tal-Kunsill u jerga’ jsuq ‘l hemm u l-hsejjes tal-karozza ‘n kwistjoni nstemghu mill-boghod. Qal li meta rah isuq, wara mar w affrontah fejn il-garaxx li pparkja u dan kien qallu li dan ma kienx sewqan, izda li kellu *silencer* kbir u jaghmel il-hoss u hu qal lil imputat biex isuq bil-mod ghax in-nies qed icemplulu fuq is-sewqan eccessiv. Ikkonferma li dik kienet l-unika darba li ra lill-imputat isuq. Kompla jghid li ma hassx li kellu jaghmel rapport lill-pulzija peress li hu kien mar ikellem lil imputat u dakinhar l-imputat kien gentili mieghu u qallu li ser joqghod attent.

Illi nhar d-disgha w ghoxrin t’Ottubru 2009 **regghet** xehdet **Ruth Pace** (fol. 211) fejn qalet li hi kienet tiela’ minn St. Andrew’s Road u kienet qed issuq il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni RTH 112, sejra fid-direzzjoni ta’ St Andrew’s. Ix-xhud ikkonfermat x-xhieda li tat fl-atti tal-inkjesta li tinsab inserita a fol 64. Qalet wkoll li hi kienet xehdet darb’ohra l-Qorti kif jirrizulta a fol. 131 tal-atti. <u>Ziedet tghid li meta rat il-karozza li kienet gejja mid-direzzjoni opposta taghha sserrep, din kienet fuq il-kareggjata l-ohra tat-triq w ghalhekk din kienet niezla fuq il-lemin taghha. Qalet li kien hemm distanza ta’ bejn wiehed u iehor hamsin pied meta ratha l-ewwel darba u li dejjem ratha sserrep pero.</u> Qalet li hi ma rathiex niezla, fis-sens minn fejn kienet gejja u li fejn ratha hi, kienet fuq triq dritta w ghalhekk meta ratha sserrep, kienet qed issuq fuq in-naha taghha tat-triq. Qalet li ghaliex kienet qed taghmel dan il-moviment ma kienetx taf. Qalet li din giet speci *at a U-turn* u minflok ma daret kompletament *U-turn* nizlet ‘l isfel fid-direzzjoni taghha. Qalet li ma kienetx taf ghalfejn ghamlet din il-manuvra pero.

Qalet li jidhrilha li veru hemm tappiera fil-kareggjata minn fejn kien gej l-imputat. Qalet li taf dan, peress li hi tuza l-istess triq. Mistoqsija jekk qattx ghaddiet fuq din it-tappiera wiegbet li *off hand* ma kienetx taf pero timmagina li ghaddiet ghax dik triqtha kienet. Qalet li l-manuvra li rat lill-imputat jaghmel u cioe li kwazi ghamel *U-turn* w

imbaghad nizel ghal fuqha, qatt m'ghamlitha. Qalet li wara li kien hemm id-daqqa, l-imputat waqaf u ma setghax isuq. Mistoqsija jekk effettivament l-imputat laqatx iktar minn darba jew le l-karozza taghha, wiegbet li sa fejn taf hi, darba pero ma qaghditx thares lejh. Qalet li hi kienet fit-telgha sejra lejn St. Andrews u gejja mis-Salina u l-vettura tal-imputat waqfet fuq in-naha tal-kareggjata taghha boghod minnha xi hmistax il-pied.
Illi nhar d-disgha w ghoxrin t'Ottubru 2009 **rega' xehed Ryan Fava** (fol. 213) fejn ikkonferma li hu kien riekeb mal-mara tieghu Ruth Pace meta sehh dan l-incident, ghalkemm ma rax l-incident isehh. Qal li hu kien ra biss l-vettura tiskidja quddiemu wara l-incident. Qal li meta ra lil vettura tispinnja kienet diga mahbuta u ghalhekk l-habta ma rahiex issehh. Qal li ma kienx jaf ghaliex bdiet tispinnja. Mistoqsi jekk effettivament jafx li kien hemm tappiera fil-karreggjata fejn kien qed isuq l-imputat, wiegeb li ma kienx jaf.

Illi nhar s-sitta w ghoxrin ta' Novembru 2009 **xehed Marlon Ellul** (fol. 216) fejn ikkonferma li hu kien mimdud fuq is-*seat* ta' wara waqt li kien qed isuq l-imputat Ludwig Micallef dakinhar tal-incident. Qal li ghall-ewwel hu kien rikeb ma Ludwig Micallef u ftit wara mtedd u baqa mimdud fuq is-*seat* ta' wara u ma hass ebda raguni ghaliex kellu jqum. Mistoqsi mill-Qorti jekk kienex rieqed wiegeb li ma kienx. Qal li pero kif sehh l-incident naturalment ma keinx jaf. Mistoqsi jekk tkellimx mal-pulizija dakinhar tal-incident wiegeb li ma jiftakarx. Qal li hu kien qal li ma jafx li gara l-incident pero ma kienux mexjin bil-mod, pero ezattament kif kienu mexjin ma setghax jghid. Qal li ma jiftakarx x'kien qal lil pulizija u kull ma jaf hu li marru hafna pulizija wara l-incident. Qal li xi hin hu kien telaq minn fuq il-post biex jinforma lill-genituri ta' Ludwig Micallef x'kien gara w imbaghad wara rega' mar lura.

In kontr'ezami qal li hu kien irrilaxxja stqarrija lill-espert tal-Qorti avolja hu kellu xokk fuqu. Zied jghid li kien anke xehed f'kawza civili. Qal li fil-kawza civili hu kien qal l-istess haga li qal hawnhekk. F'dan l-istadju l-Qorti wissit lix-xhud x'inhu gurament falz jekk hu kien qed jixhed

b'mod differenti f'kawza civili pero x-xhud insista li hu kien xehed l-istess.

Illi nhar s-sebgha (7) ta' Jannar 2010, xehed **Mario Micallef** (fol. 222) fejn qal li hu jigi missier l-imputat. Qal li hu ma kienx prezenti meta kien sehh l-incident in kwistjoni. Qal li wara li kien sehh l-incident hu kien mar fuq il-post u li dakinhar stess kienet cemplitlu t-tfajla tat-tifel u qaltlu li ma kienx hemm bzonn imur pero sussegwentement kienet cemplitlu u qaltlu sabiex imur u jiehu l-*camera* tar-ritratti mieghu u hu kien gibed numru ta' ritratti. Meta gie muri numru ta' ritratti li hemm esebiti fl-atti bhala Dok. 'RV 1, 2 u 3' qal li dawn huma ritratti ta' tappiera mehudin minnu dakinhar ta' l-incident. Mistoqsi jekk jafx it-triq, wiegeb li jafha ghalkemm ma jghaddix b'mod regolari imma darbtejn fix-xahar jghaddi zgur minnn hemmhekk. Qal li kien it-tifel stess li ndikalu dik il-hofra.

Jinghad ukoll ghalkemm ma xehdux viva voce il-Qorti li kienu gew nominati l-espert Perit Richard Aquilina u Dr. Yana Micallef Stafrace flmkien mal-espert tekniku Joseph Zammit f'din l-inkjesta u l-Qorti thoss li ghandha taghmel referenza ghar-rapporti taghhom.

Minn ezami tar-rapport tal-Perit Richard Aquilina jirrizulta s-segwenti:-

a. It-triq in ezami u cioe', The Coast Road, ghandha zewg karreggjati wiesgha, wahda f'kull direzzjoni.

b. L-incident sehh f'din l-istess triq bejn il-fergha li taghti ghal Madliena u dik li taghti ghal White Rocks.

c. Li din il-parti tat-triq hi dritta u tinsab wara liwja meta wiehed ikun gej minn St. Andrews.

d. L-art kienet xotta.

e. Gie osservat li quddiem t-triq li taghti ghal Madliena kien hemm tappiera li ma kellha l-ebda hofor madwarha. Kien hemm ukoll tappiera ohra bl-art ta' madwarha ftit imhaffra.

f. Il-vettura tal-imputat kellha hsarat estensivi, specjalment kien hemm hsarat frontali. Fuq wara ma kien hemm l-ebda daqqa.

Minn ezami tar-rapport konguntiv ta’ Dr. Yana Micallef Stafrace u Joseph Zammit jirrizulta s-segwenti:-

a. Li l-incident sehh tort tal-imputat li kien qed isuq bi speed qawwi ta’ circa 100/110 KMfs.
b. Li l-imputat ittanta jevita tappiera sabiex jiehu hsieb l-armar taghha, u bl-ispeed li kien ghaddej din telqitlu minn idejh u tilef il-kontroll taghha.
c. Li sar ezami tat-tappiera li kienet baxxa fit-triq, li fuqha jidher li ghadda l-imputat, ghaliex fuqha kien hemm xi brake marks.

**L-imputat Ludwig Micallef** ma xehdx f’dawn il-proceduri ghalkemm kien xehed fl-inkjesta quddiem l-esperti nominati fl-inkjesta. L-imputat jghid li huwa mar dawra ma’ Marlon u Clifford Micallef u ghadda mill-Coast Road. Jghid li huma kienu nizlin il-Coast Road u ra hofra u ipprova jevitaha. Ex admisses jghid “ htaft il-karozza biex nevita il-hofra u kif htaftha l-karozza telqet mill-kontroll tieghi, ghafast kemm il-brake u kif ghafast il-brake skidjajt u bqajt diehel fil-kantuniera”. Ikompli jghid “jiena nevita il-hofra bex niffranka l-armar tal-karozza peress li hija baxxa. Il-karozza tlift il-kontroll.” Jispjega ukoll li kien ghaddej bi speed ta’ circa 100/110 kmfs u kien fuq engine brake fuq il-fifth gear. Illi l-imputat fl-ebda hin tal-kumpilazzjoni ma jipprova jikkontradici dak li kien qal fl-inkjesta u ghalhekk din il-hija il-versjoni tieghu ta’ kif sehh l-incident.

Rat illi nhar il-hamsa w ghoxrin ta’ Mejju, 2010 il-partijiet talbu zmien biex jipprezentaw in-noti ta’ sottomissjonijiet taghhom, u li din il-Qorti laqghet tali talba.

Rat li l-Prosekuzzjoni pprezentat in-nota taghha fid-disgha (9) ta’ Gunju, 2010, fejn issostni li l-imputat huwa responsabbli ghal dan l-incident, principalment minhabba traskuragni u sewqan eccessiv. Filwaqt li l-imputat ipprezenta n-nota tieghu nhar is-sitta (6) ta’ Lulju, 2010 seduta stante u d-difiza ssostni li l-prosekuzzjoni ma renexxilhiex tipprova t-tort tal-imputat, u wisq inqas li huwa kien qed isuq bi speed eccessiv.

Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi din il-kawza tirrigwarda ncident stradali li gara gol-Coast Road ta’ Bahar ic-Caghaq, proprju vicin l-entratura tal-White Rocks Complex, u li fih spicca mietet il-persuna ta’ Clifford Micallef li kienet riekba bhala passiggiera mal-imputat fil-vettura tal-ghamla Honda Civic. L-ebda vettura ohra ma kienet involuta fl-incident. Jispetta ghalhekk lill-Prosekuzzjoni tipprova b’mod konklussiv illi l-incident li fih miet Clifford Micallef sehh unikament jew almenu in parti, tort ta’ negligenza, traskuragni w nuqqas t’osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-imputat li tajjarha.

Sabiex tipprova dan il-Prosekuzzjoni ma tistax tistrieh fuq dak li l-Qorti tista’ tahseb li gara, ghaliex il-gudikant irid necessarjament jiddeciedi *iuxta allegata et probate*. Id-dover tal-Prosekuzzjoni hu allura li jipprezenta quddiem il-Qorti, kaz konvincenti u pprovat li adegwatament jistabilixxi l-htija tal-imputat ghall-akkadut, li tipprova kondotta voluntarja, negligenti, konsistenti generikament f’nuqqas ta’ hsieb ‘*imprudenza*’, ‘*negligenza*’ jew ‘*traskuragni*’ jew ta’ hila, ta’ *‘imperizja’* fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikament fin-nuqqas ta’ osservanza tal-Ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili li tkun segwita b’ness ta’ kawzalita’ minn akkadut dannuz u involontarju.

Dan ifisser li fil-materja tal-k-kolpuz hemm necessarjament l-element t’attivita diretta ghal xi fini partikolari, li minhabba nuqqas ta’ certu prekawzjoni jistghu jigu lezi jew danneggjati jew impregudikati l-interessi ta’ terzi.

Il-konnotat karetteristiku tal-kulpa huwa l-prevedibilta’ tal-event dannuz, li kondotta llegali ta’ xi hadd tista’ ggib. Din hija l-kulpa normali jew l-hekk imsejha *‘colpa incosciente’* a differenza minn dik imsejha *‘colpa cosciente’*, li hija l-kulpa bl-element fiha tal-previst tal-akkadut.

Hemm diversi forom ta’ kodotta kolpuza derivanti minn att ta’ negligenza, imprudenza, imperizja u non ossevanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili.

L-imprudenza tigi mill-agir ta’ xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli.

In-negligenza tigi mid-disattenzjoni u disakkuratezza tal-agent fil-kondotta tieghu.

L-imperizja hija l-forma specifika tal-kulpa professjonali cioe’ kif jghid **Manzini**:- “*L-inettitudine e insuficienza professionale generale o specifica, nota all’ agente di cui egli vuole non tener conto*”.

Il-kulpa tista’ tkun dovuta wkoll ghal non ossevanza tal-ligijiet, regolamenti, odnijiet u simili bhal ma huma l-assjem ta’ regoli predisposti mill-Ordinanza tat-Traffiku – Kap 65, il-High Way Code – Motor Vegicle Regulations – bl-iskop li jigu evitati l-possibiltajiet ta’ hsara u dannu lil terzi.

Il-Qorti hi ghalhekk sejra tezamina bir-reqqa x'inhuma l-ingredjenti tar-reat principali in ezami, u cioe’ ta' dak kontemplat fl-**Artikolu 225 tal-Kap. 9,** u cioe’ tar-reat li bih gie akkuzat l-imputat, u cioe’ omicidju involontarju.

L-**artikolu 225 tal-Kap 9** jiddisponi s-segwenti:

“*Kull minn b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, jikkaguna l-mewt ta' xi hadd …”*

Issa ghalhekk, wiehed irid jifli l-elementi li jikkostitwixxu dan r-reat, li huma bazikament tlieta u cioe:-

1. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti ;
2. kkaguna l-mewt ;
3. fuq persuna.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-21 ta' Marzu 1996 fl-ismijiet **il-Pulizija vs Richard Grech** dik il-Qorti sostniet is-segwenti:-

"*Huwa mehtieg ghal kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-artikolu 225 tal-kodici Penali, li tirrikorri kondotta volontarja, negligenti – konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb, imprudenza fl-arti jew fil-professjoni, jew konsistenti specifikament f'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn event dannuz involontarju. Ghandu jigi premess li ghal accertament tal-htija minhabba f'kondotta effettivament adegwata ma' dik ta' persuna li s-sapienza umana identifikat mal- bonus pater familias, dik il-kondotta cioe' fil-kaz konfet, kienet tigi uzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita normali, kriterju dan li filwaqt li jservi ta' gwida objettiva ghal gudikant, jhallieh fl-istess hin, liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret*."

L-awtur Taljan **Giorgi** fil-ktieb tieghu **Teoria delle Obbligazione** – 1127 pagna 46 ighid:-

"*La diligenza del buon padre di famiglia costituisce in criterio abbastanza indeterminate per lasciare al giudice liberta di valutazione*".

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Leonard Grech *deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa ta' Settembru, 1990***, il-Qorti dahlet fid-dettal dwar in-natura tal-kolpa f'dawn il-kawzi. In succint fuq skorta ta' awturi u gurisprudenza, t-trepod tal-kolpa gie definit bhala:

*1.* *la volontarieta dell'atto;*
2 *la mancata previsione dell'effetto nocivo; u*
3 *la possibilita di prevedere.*

Bhala konluzzjoni tad-definizzjoni li din il-Qorti trid taghti lit-terminologija culpa, ghalhekk jibqa' dejjem li l-element taghha huwa volontarjeta' tal-att, in-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannuzi ta' dak l-att u l-possibilta' ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuzi. Jekk l-effetti dannuzi ma kienux

prevedibbli, hlief b'diligenza straordinarja li l-ligi ma tesigix u li semmai tista' ggib *culpa levissima* li ma hiex inkriminabbli, ma hemmex htija (vide **<u>Il-Pulizija vs John Vella</u>** deciza nhar il-15 ta' Dicembru 1958 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali).

X'inhu l-obbligu tas-sewwieq fil-posizzjoni tal-imputat? Ir-risposta tohrog mil-Ligi u senjatament mill-Artikoli 225 u 226. Dan jimporta li l-prosekuzzjoni trid tipprova, f'kazijiet bhal dak odjern, illi l-imputat kien kolpevoli ta' nuqqas ta' hsieb, jew ta' traskuragni jew li naqas li jhares xi regolamenti, f'dan il-kaz, r-regolamenti tat-traffiku. Il-prosekuzzjoni trid tipprova in-nexus bejn il-mewt tal-vittma u t-traskuragni tal-imputat, liema nexus irid irendi t-traskuragni l-kawza immedjata u prossima tal-effett, wara trid ukoll tipprova li t-traskuragni kienet *culpable negligence* u cioe' li tammonta ghal *criminal misconduct*. (vide **<u>Il-Pulizija vs Manuel Schembri</u>** deciza nhar it-28 ta' Novembru 1949 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali.)

Irid jigi determinat allura jekk l-imputat kienx hati ta' xi nuqqas ta' hsieb jew traskuragni jew ta'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti.

Kif tajjeb osservat il-prosekuzzjoni fin-nota taghha fis-sentenza moghtija mill-**Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sitta ta' Mejju, 1997** fil-kawza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v Alfred Mifsud</u>,** il-Qorti sejra taghmel referenza ghal dak li gie enuncjat u t-tifsiriet li ghandhom jinghataw lil kull tip ta' sewqan li jiddipartixxi minn sewqan proprju:

**"Sewqan traskurat** (*negligent driving*) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat*.*

**Sewqan bla kont** (*reckless driving)* hu deskritt fis-Subartikolu [2] tal-imsemmi Artikolu 15, bhala 'sewqan bi traskuragni kbira'. Din t-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira, u tinkludi l-kazijiet 'fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu, minhabba l-probabilita ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif wkoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji'.

**Sewqan perikoluz** (*dangerous driving)* jirrikjedi li fil-kaz partikolari, s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghal proprjeta taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin w il-lokalita tal-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn t-tlett forom ta' sewqan, f'liema kaz, japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi w id-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ai finijiet ta' piena, l-legislatur pogga s-sewqan bla kont w is-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz w involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dawk ta' sewqan perikoluz."
(**vide Il-Pulizija v Charlotte Chamberlain, deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa w ghoxrin ta' Mejju, 1950**). "

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li f'materja ta' incidenti stradali il-provi indizzjarji, hafna drabi jista' jkunu siewja ferm, u xi drabi jistghu anki jkunu siewja ferm aktar minn dawk okulari li, kultant jistghu ikunu biss soggettivi u kultant, u x'aktarx iva milli le, ikunu kuluriti b'dak li jissejjah *"esprit de voiture"*. U mbaghad fejn ma jkunx hemm xhieda okulari li jistghu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li gara, dawn il-provi indizzjarji, jistghu facilment u minghajr bzonn ta' hafna tigbid, jaghtu stampa cara tad-dinamika tal-incident. S'intendi, bhal kull prova indiretta ohra, jridu jkunu tali li jwasslu ghal konkluzzjoni univoka u li biha il-gudikant ikun moralment konvint lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta' kriminali tal-imputat jew akkuzat.

Issa meta qieset kollox, din il-Qorti ghamlet apprezzament ta’ fatt, u li fil-fehma taghha ghandha kull dritt li tasal ghal konkluzjoni li qed tasal ghaliha stante c-cirkostanzi kollha migbura fil-process u partikolarment li kien hemm fattur ta’ speed eccessiv li wassal biex sar l-incident in dezamina. Kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: “ **Il-pulizija vs AIC Mortimer”** (Kollez. Vol. XL . iv. p.1282) “Speed jista’ jigi dedott minn brake marks”, u fl-Appell Kriminali: “**Il-Pulizija vs R. Bugeja**” (30.6.1962) intqal ukoll li “Speed jista’ jkun eccessiv anki jekk ma jiskorrix il-limiti regolamentari, izda jiskorri dawk dettati mill-prudenza w mill-fatturi ambjentali tal-mument”.

Dwar il-kwistjoni ta’ speed kien l-imputat stess li qal li kien miexi bi speed ta’ circa 100 u 110 km fis-siegha u li kien hu li tilef il-kontrol tal-vettura, ghaliex ma xtaqx li l-vettura tieghu tmiss il-qiegh meta ra li kien hemm hofra fejn kien hemm it-tappiera. Huwa ma jghidx li baxxa l-ispeed meta ra l-hofra, jghid biss li l-vettura inhatfet u tilef il-kontroll.

Il-Qorti dahlet *in funditus* dwar din il-kwistjoni ta’ *speed* proprju minhabba dak li gie ribadit fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-disgha ta’ Gunju 1962*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Anthony Portelli** fejn intqal li:

*“Mhux bizzejjed pero li jinghad li l-imputat kien qieghed isuq bi speed qawwi bizzejjed … imma jinhtieg li wiehed jara jekk bejn dak l-ispeed w is-sinistru kienx hemm n-nexus ta’ kawza prossima w immedjata.” [vide* ***Il-Pulziija v Manuel Schembri per Onor. Imh. W. Harding datata tmienja w ghoxrin ta’ Novembru 1949****].*

Ix-xhud okulari, Marlon Ellul li kien fil-vettura meta l-imputat habat [a fol. 216] jghid li ma kienux mixjin bil-mod. Ix-xhieda l-ohra li kienu gejjin mid-direzzjoni opposta, u cioe’ Ryan Fava u Ruth Pace jghidu li ma rawx lill-imputat jahbat, pero’ rawh jispinnja distanza kbira u dan jikkorrobora l-fatt li l-imputat kien miexi bi speed qawwi.

Il-prosekuzzjoni fin-nota taghha tghid li dan kien kaz ta’ *res ipso loquitur*. Dwar dan din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti ta’ l-Appelli Kriminali fl-

ismijiet **il-Pulizija vs James Abela** deciza fil-11 ta Lulju 2002 fejn inghad li din it-teorija llum m'ghadhiex tezisti bhala terorija maghrufa bhala *res ipsa loquitur*. F'din is-sentenza jinghad li :-

*"Illi l-Qorti tosserva ulterjorment li, kuntrarjament ghal dak li gie sottomess mid-difiza il-kuncett ta' "res ipsa loquitur" jikkonfigura fid-dritt penali, meta l-fatti pruvati jkunu fihom infushom tant elokwenti li l-interpretazzjoni logika u naturali taghhom necessarjament u ragjonevolment twassal ghal prova fi grad sodisfacenti ta' certu fatti."*

Illi l-addozzjoni tad-dottrina tar-*"res ipsa loquitur"* tidher li ghaddiet minn certa evoluzzjoni fil-gurisprudenza taghna tul dawn l-ahhar hamsin sena. Ghall-bidu il-Qrati Taghna - anki fil-kamp penali - kienu ta' sikwit u regolarment jirrikorru ghal din it-teorija probatorja u nsibu diversi sentenzi fejn giet applikata bis-shih fil-qasam penali.

Hekk fl-Appelli Kriminali - "**Il-Pulizija vs Cassar Desain**" (13.1.1962) din il-Qorti kienet irriteniet li:-
*"Jistghu jigu assodati serje ta' fatti li jikkostitwixxu dak li "in subiecta materia" jissejjah :"RES IPSA LOQUITUR" - "In such circumstances , the facts speak for themselves, if no explanation is given by the defendant. (**DAVIES , "Law of Road Traffic**" );*

u fl-Appelli Kriminali - "**L-Pulizija vs Temi Zammit** (13.1.62) kien gie ritenut li *:-"li dawk il-fatti li jikkostitwixxu "res ipsa loquitur" icedu quddiemhom ix-xiehdiet okulari bhala fehmiet soggettivi ta' nies li kienu dizattenti jew li ghamlu apprezzament zbaljat";* u fl-Appelli Kriminali - "**Il-Pulizija vs Gaetano Felice** " (Kollez . Vol. XL , iv p.1187) intqal:- *"il-hsara li jsofru vetturi f'habta huwa kaz ta' "res ipsa loquitur" f'materja ta' speed"* u fl-Appelli Kriminali - **"Il-Pulizija vs Nazzareno Farrugia** " (Kollez. Vol. XXXIII p.968) gie ritenut li *:-"Accident jista' minnu nnifsu jidher li x'aktarx gara minhabba htija ta' xi persuna milli ghal kawzi ohra. Hawnhekk, fuq il-bazi tal-principju tar-"res ipsa loquitur" jaqa' fuq il-persuna l-piz tal-prova biex juri li f' dak li gara ma kellux htija."*

Illi pero' din id-dottrina giet ezaminata "*funditus*" mill-Qorti tal-Appell tal-Maesta' Taghha r-Regina komposta mill-President Professur Sir Anthony Mamo u l-Imhallfin il-Professur J.J.Cremona u Joseph Flores, fil-kawza *:* "**Edgar Zahra vs Carmelo Vassallo**" deciza fil-5 t'April, 1971. F'dik is-sentenza il-Qorti qalet hekk*:-*

*"M'hemmx kwistjoni li din id-dottrina giet importata fil-gurisprudenza taghna mill-gurisprudenza Ingliza , li ghaliha f' materja ta' principji jew regoli ohra, l-Qrati taghna frekwentement jirrikorru utilment. Rigward din il-massima tar-"res ipsa loquitur" jidher....minn diversi sentenzi ohra (e.g***. Vol. XXXIII, iv. 934 , 968 , Vol. XXXVI . iv.764** *) li giet bosta drabi invokata u applikata anki fi proceduri kriminali mentri invece, fil-gurisprudenza Ingliza (minn fejn, kif intqal, hadniha) il-massima ma tidhirx applikata hlief fil-kawzi civili dwar danni bazati fuq "negligence". Ghad illi f'materja ta' provi f'kawzi kriminali, hemm xi haga li tista' tixbaha, f'dawk li jissejhu prezunzjonijiet ta' fatt (e.g. dak tal-pussess recenti ta' hwejjeg misruqa) il-massima "res ipsa loquitur", bhala tali, il-Qorti ma sabitha mkien applikata f'kawzi kriminali, u r-raguni ta' dan naturalment hija illi l-principju li jiddomina fi proceduri kriminali huwa illi bhala regola generali fondamentali, il-piz tal-prova bla dubju ragonevoli hu mixhut fuq il-prosekuzzjoni u, salvi dispozizzjonijiet espressi ta' ligi, jew regoli gurisprudenzjali eccezzjonalissimi li jiddisponu xort'ohra , ebda oneru ta' prova jew htiega ta' spjegazzjoni m'huma mixhutin fuq l-akkuzat jew imputat. Il-Qorti jidhrilha illi, apparti li f'kawzi kriminali il-massima m'ghandhiex ghal li gej tigi invokata jew applikata, anki f'kawzi civili citazzjonijiet u applikazzjonijiet taghha gja maghmula f'kawzi kriminali ghandhom jitharsu b'ghajn kritika...."*

Illi aktar recentement il-Qorti tal-Appelli Kriminali addottat dan l-insenjament u qalet *:-*

*"in kwantu d-dottrina tar-"res ipsa loquitur" timporta xi spostament tal-oneru tal-prova, tali dottrina ma tista' qatt issib post fil-kamp penali. In kwantu, pero', b' "res ipsa loquitur" wiehed jifhem biss li l-fatti - inkluzi provi indizjarji*

*- "circumstantial evidence" – ikunu tali li l-gudikant ihossu moralment konvint li jista' jigbed certi konkluzjonijiet minn dawk il-fatti, allura wiehed m'ghandux jitkellem dwar "res ipsa loquitur" izda dwar dak li fid-dottrina Ingliza jissejhu "presumptions of fact" . "These are all inferences which may be drawn by the tribunal of fact . It is not obliged to draw them as a matter of law even if there is no further evidence..(**CROSS. R. "On Evidence (Butterworths**, London , (1979) p.124).*
Fil-Qorti tal-Appell Kriminali **Pulizija vs Claudia Camilleri ,** per V. De Gaetano J. - 15.11.96 jinghad li tali prezunzjoni ta' fatt tqum fejn meta il- *"fatti pruvati jkunu fihom infushom tant elokwenti li l-interpretazzjoni logika u naturali taghhom necessarjament u ragjonevolment twassal ghall-prova fi grad sodisfacenti ta' certu fatti."*

Issa, kif gie ritenut mill-**Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza moghtija nhar t-tnax ta' Frar 2004**, fl-ismijiet **Il-Pulizija v Stephen Grima** intqal li :

*"Il-fatti – inkluzi l-provi ndizzjarji [circumstantial evidence] jistghu jkunu tali li l-gudikant ihossu moralment konvint li jista jigbed certi konkluzzjonijiet minn dawk il-fatti… dawk li fid-dottrina Ingliza jissejjhu presumptions of fact. These are all inferences which maybe drawn by the tribunal of fact."*

Illi din il-Qorti ghamlet dawn il-*presumptions of fact,* li johorgu mid-dinamika tal-incident.

Illi wara li l-Qorti ghamlet sintezi qasira dwar il-posizzjoni legali, thoss li ghandha tirrileva l-fatti li taw lok ghal proceduri odjerni, u dawn jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

Illi l-imputat ghazel li ma jixhedx f'dawn il-proceduri, kif kellu kull dritt li jaghmel u ghalhekk din il-Qorti trid tistrieh fuq ix-xhieda li ta quddiem l-esperti nominati fl-inkjesta, u l-provi migbura mill-prosekuzzjoni kif kontrollati mill-istess difiza. Jirrizulta bla ombra ta' dubju li l-imputat kien qed isuq il-vettura tieghu tal-ghamla Honda Civic numru ta' regisrazzjoni FAS 252 b'zewg passiggiera mieghu u cioe'

Clifford Micallef, il-vittma odjerna, w Marlon Ellul, sejrin lejn Bahar ic-Caghaq. Clifford Micallef kien riekeb quddiem hdejn l-imputat li kien qed isuq, waqt li Ellul kien riekeb fuq wara, allegatament mimdud.

Jirrizulta li appena daru d-dawra u kienu ser jinzlu in nizla tal-Coast Road, x'aktarx li l-imputat laqat tappiera, skiddja u baqa' jserrep bi speed qawwi tant li spicca imkahhal go hajt. Bir-rizultat li Clifford Micallef tilef hajtu. Jidher li l-imputat kien kuntent bil-vettura tieghu, u ma xtaqx jolqot il-qiegh taghha, tant li ttenta jevita it-tappiera ghax kienet go hofra baxxa, izda ma irnexxilux u minhabba l-ispeed qawwi li kien ghaddej bih tilef il-kontoll. Dan hu kif sehh l-incident u dan hu l-agir li ghandu jirrispondi ghalih l-imputat.

Id-difiza sostniet meta ttrattat il-kawza li l-incident kien wiehed sfortuant u dan ghaliex l-imputat skiddja minhabba it-tappiera. Din il-Qorti ma taqbilx ma' din it-tezi, u dan ghaliex filwaqt li huwa minnu li l-imputat seta' skiddja, dan ma jfissirx li, li kieku kien kawt fis-sewqan tieghu, l-imputat ma kienx jevita ir-rizultat disastruz li kien hemm.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Cassola vs Vassallo** li nghatat nhar it-28 ta' April 1997 LXX1.3.658 fejn inghad li " *skid irid jirrizulta minn xi haga fortuwita u mhux b'xi konsegwenza ta xi sewqan hazin".*

Il-Qrati taghna rritenew diversi drabi illi skid la hu prova ta' negligenza u lanqas skriminanti, izda hemm bzonn jigi investigat il-kagun ghaliex il-vettura skiddjat.

Fil-kawza **Vella vs Camilleri** deciza fis-19 ta' Jannar 1998 (**Kollezz LXXX11.ii.225**) insibu jinghad li "*f'materja ta' skid il-principju regolatur ma jistax hlief ikun li skid wahdu la hu prova ta' negligenza u lanqas skriminanti, hemm bzonn li jkun indagat jekk kienx hemm xi negligenza antecedenti jew konkomittanti. Jekk negligenza simili tirrizulta allura hemm ir-responsabilita nonnostante l-iskidd, jekk ma tirrizultax allura l-iskid hija difiza ghax tkun incident inevitabbli. Gie ritenut ukoll li in subjecta materja*

*li meta ssir habta minhabba li wahda mill-vetturi tkun skiddjat, is-sewwieq tal-karozza jkun responsabbli jekk ma jgharafx jaghmel il-manuvra mehtiega biex jevita u jnaqqas l-iskiddjar."*

Hekk ukoll jinghad f'**<u>Zammit Pace vs Despott</u>** deciza fl-24 ta' Frar 1997 (Vol. LXXX1.iii.36) li *"…Ghaldaqstant biex id-difiza ta' skid tirnexxi jehtieg li d-driver jipprova mhux biss li l-iskidd kienet dovuta ghall-art tizloq imma wkoll li l-iskidd saret bl-ebda tort tieghu, u li huwa jkun ha l-prekawzjoni kollha li ghandu jiehu driver prudenti meta l-art tkun tizloq."*

Illi donnu li d-difiza ssollevat li hija tal-fehma li l-incident sehh biss bhala rizultat t'*inevitable accident* kawzat mid-dawl li allegatament ghen lill-imputat biex jitlef il-kontroll tal-karozza li kien qed isuq. Illi huwa llum ormai assodat l-principju li:-

*"It is well settled that no one can set up the plea of sudden emergency if his own negligence gives rise to the emergency."* [***Trial of Motor Car Accident Cases*** – **Gibb -** pg. 52].

Illi s-suespost kien ukoll proceduralment approfondit fil-gursprudenza lokali mill-**Qorti tal-Appell Civili fil-hmistax ta' Mejju, 1926 per Onor. Imh. Luigi Camilleri** fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Ciantar v Gatt</u>** fejn gie citat l-**Chirani** li qal:

*"L'efficacia del caso fortuito e della forza maggiore, o dello stato di necessita', quali mezzi liberatori delle responsabilita, cessano quando questi avvenimenti siano preceduti da dolo o colpa dell'agente… Il fatto illecito si conobbe allora al comportamento giuridicamente anormale, ne sara valevole l'eccezzione liberatoria <u>perche'</u> inutilizza dal dolo o dalle colpe precedente…."*

Issa f'dan il-kaz ma kien hemm xejn li seta' kkontribwixxa ghall-iskiddjar tal-imputat. It-triq kienet xotta w ma kien hemm l-ebda zjut fit-triq. L-imputat skiddja ghaliex kif qal hu stess kien ghaddej bi speed qawwi u tilef il-kontroll.

Ghal dan l-agir ghandu jirrizpondi biss u unikament l-imputat.

Ghalhekk m'hemmx dubbju li l-imputat huwa responsabbli ghall-omicidju involontarju ta' Clifford Micallef ghaliex minhabba t-traskuragni u negligenza fis-sewqan tieghu huwa laqat tappiera, skiddja w minhabba l-ispeed li kien ghaddej bih tilef il-kontroll u spicca mkahhal mal-hajt. Ghalhekk jikkonkorru l-elementi kollha kif prodotti fir-reat in dezamina. Illi din il-Qorti, wara li ezaminat fid-dettal, il-kumpless kollu tal-provi kompilati, hi sodisfatta mill-ezistenza ta' din il-konnessjoni ta' kawzalita bl-aktar mod dirett stante li l-vittma miet bhala rizultat tas-sewqan tal-imputat li kellu jsuq b'mod diligenti specjalment meta mieghu kellu l-hajja ta' diversi nies ohra.

Fit tieni lok l-imputat gie akkuzat talli saq l-imsemmija vettura bin-numru ta' registrazzjoni FAS 252 tal-marka Honda Civic b'GAK 071 b'manjiera traskurata, bla kont u b'manjiera perikoluza. Ma hemmx dubju li din l-akkuza hija inkorporata fl-ewwel akkuza u dan ghaliex proprju minhabba is-sewqan perikoluz tal-imputat, Clifford Micallef tilef hajtu.  Din l-akkuza mhemmx dubbju tirrizulta provata.

Fit-tielet lok l-imputat gie akkuzat talli saq l-imsemmija vettura bin-numru ta' registrazzjoni FAS 252 tal-marka Honda Civic billi ecceda l-limitu ta' velocita', dak ta' tmenin kilometru fis-siegha barra ibliet w irhula u dak ta' hamsin kilometru fis-siegha fl-ibliet w irhula. Ma hemmx dubbju li din l-akkuza tirrizulta ukoll u dan mill-ammissjoni tal-imputat stess li ighid li kien qed isuq bi speed ta' circa 100/110 km fis-siegha.

Fl-ahharnett l-imputat ukoll gie akkuzat bir-reat ta' hsara voluntarja skond l-**artikolu 328 tal-Kap 9** tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi s-segwenti:

"*Kull minn b'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, kkaguna l-hruq, jew ghamel xi hsara jew ihassar jew jgharraq xi haga, kif imsemmi f'dan s-sub-titolu, jehel, meta jinstab hati:-..*"

Illi f'dan l-incident kien hemm biss il-vettura tal-imputat involuta u l-ebda vettura ohra. Illi pero ma hemmx dubbju li l-imputat spicca imkahhal mal-hajt tad-dar ta Josianne Degaetano. Infatti is-sinjura Degaetano tghid li l-vettura ikkawzatilha danni f'darha konsistenti f'caqliq ta' cnagen. Pero minn ezami tal-process ma jirrizultax il-quantum ta dawn id-danni ghaliex la hemm stima u wiaq inqas xi ricevuta tar-reparazzjonijiet li talvolta setghu saru. Illi dan ir-reat huwa konsegwenza tal-ewwel u dan ghaliex sehh peress li l-imputat ma kellux kontroll mill-vettura teighu u involontarjament spicca mahbut mal-hajt.

Illi ghalhekk l-imputat ghadu jinsab hati tal-erba' akkuzi. Dwar il-piena l-Qorti rat li l-imputat ghandu kondotta nadifa, bla ebda tebgha ta' reat jew kontravenzjoni registrata fuqha, pero' min-naha l-ohra rat li minhabba l-qziez u nuqqas ta' responsabilita' tieghu tilef hajtu tifel innocenti.

Issa, kif gia gie rilevat fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Philip Agius deciza per Imh. Flores nhar t-tmienja ta' Mejju 1969;**

*"Hu ovvju li r-reat ta' sewqan perikoluz u b'manjiera bla kont, kif ukoll dak ta' sewqan b'velocita qawwija huma fatturi u elementi tar-reat gravi t'omicidju nvoluntarju pervist fl-artikolu 239, [illum 225] tal-Kodici Kriminali."*

Illi kif gie wkoll ritenut mill-**Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ghoxrin ta' Mejju 1993** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Jason Abela**, d-disposizzjoni tal-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali, fil-latitudini kontemplata hu konsonu ma' principji rikonoxxuti in materia w ghalhekk konformament mal-ahjar gurisprudenza tat-Tribunal Lokali ghandha ssir is-segwenti distinzjoni bejn:

a. Kaz fejn il-*criminal misconduct* jikkonsisti per ezempju f'velocita deliberatament w ezageratament eccessiva jew f'sewqan b'manjiera periokoluza – bhal min jaghmel uzu minn *brakes* li huma difettuzi, u cioe' fejn ikun hemm "*a selfish disregard for the safety of the road users*

*or their passengers or who have driven recklessly."****[Principles of Sentencing – D.A. Thomas – Second Edition pg. 87]; u***

b. Kaz li min isuq b'mod traskurat jew li jikkommetti biss *error of judgment*, nonostante l-fatt li kieku kellu l-hila mehtiega kien jista' jevita d-disgrazzja, bhal meta wiehed ma jikkalkolax tajjeb c-cirkostanzi ta' sorpass.

Illi ghar-rassenja ampja f'dan r-rigward issir referenza wkoll ghas-segwenti decizjonijiet mill-**Qorti tal-Appell Kriminali per l-Imhallef William Harding** fl-ismijiet **Il-Pulizija v AIC Lewis Borg** deciza nhar it-tlieta w ghoxrin ta' Gunju 1947; I**l-Pulizija v Toni Meilaq** deciza nhar l-ghoxrin ta' Settembru 1948 u **Il-Pulizija v Corporal Raymond Thomas Moore** deciza nhar il-hmistax ta' Dicembru 1956.

Illi ghalhekk ai fini ta' piena huwa wkoll l-oneru tal-Qorti, f'kazijiet simili, li tirrifletti fuq il-grad ta' negligenza riskontrata fl-agir tal-imputat, stante li jista' jaghti l-kaz li din, ghad li tkun ta' natura kriminuza, pero' ma tilhaqx dak il-grad li timmerita piena restrittiva tal-liberta' personali, u dan kif gie ritenut mill-Qorti tal-**Appell Kriminali nhar l-erbgha ta' April 1951** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Formosa** u fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Philip Agius** gia citata.

In fatti, kif gie affermat fil-kawza fl-ismijiet **Rex v Rose** – ***1938 – 20 Crim. App. R. 166:-***

*"No offence varies so much in gravity as manslaughter. One must look at the circumstances in each particular case and see whether it is an offence which calls for severe or mitigated punishment."*

Illi ghalhekk, huwa pacifiku li meta, bl-agir tieghu, imputat jassumi deliberatament atteggjament li hu perikoluz ghall-inkolumita' mhux biss tieghu nnifsu, imma anke tan-nies li jkollu mieghu u t'utenti ohra tat-triq allura:

*"Sentences of imprisonment are generally considered apparopriate in cases of causing death by dangerous driving whether there is an element of deliberate risk taking on the part of the offender."* [Criminal Law Review – March 1968 – pg 171]

Illi del resto, kif jghid l-**Finnis** f'***Natural Law and Natural Rights*** pagna 86:-

Il-hajja hija wara kollox '*a first basic value, corresponding to the driver for self preservation*' liema valur jigi arbitrarjament imcahhad lis-sinistrat b'dan l-uzu skonsiderat tal-vettura.

Illi s-suespost qed jinghad meta hawn si tratta ta' uzu traskurat, perikoluz u bla kont ta' vettura mekanizzata li f'cirkostanzi simili ghal dawk li rrizultaw mill-fatti kif esposti f'din il-procedura m'hi xejn hlief *a weapon of offence*, fejn f'ambiti akkademici u legislattivi l-aktar aggornati diga qed tinstema' l-ghajta li:

*"We should therefore expect all drivers who kill by deliberately driving at others to be prosecuted for MURDER, and expect manslaughter convictions to be returned only on those who make out the defences of provocation or diminished responsibility, or who can put forward some convincing explanation … to explain why they did not appreciate the enormous risk to life and limb in what they did." [**Motor Vehicles as Weapons of Offence*** – **J.R. Spencer**; ***The Criminal Law Review*** – *1985 – p.30]*

Illi f'dan l-isfond ghandu jinghad ukoll, kif del resto gia gie abbilment espost fl-artikolu citat fil-paragrafu precedenti li:-

*"The … motor vehicle as a weapon of offence is often treated with remarkable lenity." [ibid. p. 33].*

Ikkunsidrat ukoll:-

Illi tali atteggjament tant jidher li huwa wiehed radikat anke fis-sistema legali taghna, li t-tribunali lokali kellhom diversi okkazzjonijiet fejn ilmentaw minn din l-attitudini meta rritenew li:-

a. "… il-pieni li kienu qed jinghataw f'hafna kazijiet t'omicidju nvoluntarju kienu irreali u jaghtu wiehed x'jahseb li l-hajja ta' bniedem f'pajjizna, hija rhisa w ir-reat in kwistjoni mhux xi haga serja." [**Il-Pulizija v Mark Galea – Qorti tal-Appell Kriminali per Onor. Imhallef Carmel A. Agius datata hmistax ta' Ottubru 1987**].

b. "Il-piena preskritta mil-ligi ghar-reat in kwistjoni hija l-prigunerija li ma teccedix l-erba' snin jew il-multa. Din il-Qorti jidhrilha li n-nuqqas ta' prekawzjoni ovvja ghal perikolu daqstant ovvju, jindika l-piena ta' prigunerija u mhux ta' multa." [**Il-Pulizija v Joseph Busuttil et – Qorti tal-Appell Kriminali per Onor. Imhallef Victor Caruana Colombo datata sitta w ghoxrin ta' Novembru 1992**].

**c.** "Fuq incidenti bhal dawn din il-Qorti kif preseduta gia kellha opportunita tesprimi ruhha precedentement [vide **Il-Pulizija v Giovanni Conte** deciza nhar t-tnejn ta' Marzu 2000 u **Pulizija vs Antoine Cassar** kif konfermata fil-**Qorti tal-Appell nhar it-22 ta Settembru 2009**] fejn uriet il-preokkupazzjoni taghha li paragunati ma' sentenzi f'kazijiet simili li jinghataw f'pajjizi civilizzati ohra, s-sentenzi ta' dawn il-Qrati huma pjuttost miti." [**Il-Pulizija v Gordon Micallef – Qorti tal-Appell Kriminali per Onor. Imhallef Carmel A. Agius datata hdax ta' Jannar 1994].**

Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi f'dan il-kuntest, huwa ghaqli analizi tas-sentenza tal-**Qorti tal-Appell Ingliza** fl-ismijiet **R v Boswell** [1984] 6 Cr. App R (s) 257, komposta minn ***Lord Lane CJ. Michael Davies u Kennedy JJ.*** datata dsatax ta' Gunju 1984 "***The All England Law Reports***", 1984, Vol. 3, pp. 353 – 361, fejn gie ritenut, meta l-ligi Ngliza kienet ghadha simili ghal dik Maltija, li:-

*"Causing death by reckless driving … is a serious offence: to be guilty the defendant must have created an obvious and serious risk of injury to the person or damage to property and have either given no thought to the possibility of that risk when it would have been obvious to any ordinary person or having seen the risk nevertheless decided to take it.*

*"The offence is <u>aggravated</u> if, for example:*

*1. The motorist's driving was affected by the consumption of alcohol or drugs;*
*2. He was driving at a grossly excessive speed;*

*3. He disregarded warnings from his passengers;*
*4. He pursued or prolonged, persistent and deliberate course of very bad driving [for example by driving through red traffic lights, passing other vehicles on the wrong side or driving on the pavement];*
*5. He simultaneously committed another offence [for example driving without a driving licence or while disqualified];*
*6. He has previous convictions for motoring offences [especially those involving bad driving or the excessive consumpation of alcohol];*
*7. More than one person was killed as a result of his reckless driving;*

*8. He failed to stop at the time of the incident or tried to throw the victim off his car; or*
*9. He committed the offence in the course of attempting to evade detection or apprehension;*

*"Mitigating factors include:*

*1. The piece of reckless driving which might be described in the vernacular as a 'one off', a momentary reckless error of judgment [such as briefly*

*dozing off at the wheel or failing to notice a pedestrian on a crossing];*
*2. A good driving record;*
*3. Good character;*
*4. A plea of guilty;*
*5. A show of genuine remorse or shock; and*
6. *Where the victim is a close friend or relative of the driver, the strong emotional effect of his death on the driver.”*

Illi ‘n oltre, fl-istess decizjoni **Lord Lane** korrettement isostni li minkejja dan l-analizi li trid taghmel il-Qorti, din ghandha wkoll l-oneru:-

*“To reflect the concern of Parliament and also, which is sometimes forgotten, to reflect the concern of the public about these matters.”*

Fil-fatt anke f’Malta, il-piena ghal akkuza ta’ reat t’omicidju nvoluntarju zdiet minn massimu ta’ sentejn prigunerija ghal massimu ta’ erba’ snin u dan b’Att III tas-sena 2002, w ghalhekk l-intenzjoni tal-legislatur hu li bniedem ghandu jigi punit bis-sewwa f’kaz li hu jikkawza omicidju nvoluntarju b’mod grossolan.

Hadet in konsiderazzjoni wkoll:-

Illi ghandu jigi sottolineat ukoll li l-ebda wiehed mill-elenki fuq citati ma hu esklussiv u konsegwentement jistghu liberament jizdiedu fatturi ohra li l-Qrati jistghu jiltaqghu maghhom minn zmien ghal zmien skond c-cirkostanzi.

Illi a bazi tal-elenki stabbiliti f’**Boswell** fuq citati b’mod ezawrjenti, [vide wkoll ***Emmins on Sentencing*** – **Martin Wasik**; pp. 303 – 306] u mill-fatti kif esposti aktar qabel, jirrizultaw s-segwenti:

**A. Fattur Aggravat**

1. L-imputat kien qed isuq bi *speed* eccessiv;

2. L-imputat kien mohhu biss li jiehu hsieb il-vettura tieghu u cioe li ma jolqotx il-qiegh taghha bil-hofra li kien hemm;
3. L-imputat ma tax kaz li mieghu fil-vettura riekba kien hemm zewg persuni ohra, u dan nonostante baqa' jsuq b'manjera traskurata w perikoluza w ta' qziez u ma ndunax li kellu jnaqqas l-i*speed* tieghu;
4. It-telf ta' hajja ta' persuna;
5. Il-hsara li saret fil-hajt tal-villa li kien hemm fit-triq;

**B. Fattur Mitiganti**

1. L-imputat jidher li hu ta' karattru tajjeb mill-mod kif gab ruhu fl-ordnijiet ta' din il-Qorti u li ghandu fedina penali nadifa.

Illi ghaldaqstant, in vista tal-fatti u tal-motivi fuq esposti, **din il-Qorti hi sodisfatta li l-prosekuzzjoni ippruvat l-kaz taghha skond il-Ligi u konsegwentement tiddikjara li ssib lil imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha kif dedotti fil-konfront tieghu.**

Rat ukoll l-Artikoli tal-ligi partikolarment l-Artikoli 18, 20, 30, 225, 328, u 533, tal-Kap 9, l-Artikolu 15 tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Avviz Legali 128/1994 u l-Artikolu 17(b), ai fini tal-konkors ta' pieni u ta' reati wkoll tal-Kodici Kriminali.

Rat li skond l-artikolu 17(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, persuna hatja ta' zewg delitti jew izjed, illi taqa' taht pieni li jitnaqqsu ghal zmien il-liberta' personali tieghu tigi kkundannata ghal piena ta' delitt l-aktar gravi biz-zieda minn terz sa nofs taz-zmien tal-pieni l-ohra kollha mehuda flimkien, b'dan li z-zmien li jinghata, ma jiskorrix hamsa w tletin sena.

Illi, f'dan il-kaz, ir-reat li ghandu l-akbar piena huwa dak t'omicidju voluntarju li jgib mieghu massimu ta' erba' snin. Oltre dan, l-imputat huwa akkuzat talli kkawza hsarat involontarji, liema reat igib piena massima ta' prigunerija

ta' tlett xhur skond l-Artikolu 328(d) ghaliex il-quantum tal-hsara ma gietx provata. Akkuzat ukoll bir-reat skond l-Artikolu 15 tal-kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta li jgib piena massima ta' tliet xhur prigunerija u bil-kontravenzjoni ta' speed eccessiv li jgib piena ta' ammenda.

Illi ghalhekk, skond l-artikolu 17(b) din il-Qorti trid izzid mal-erba' snin t'omicidju nvoluntarju, terz jew nofs mill-piena li tista' tigi moghtija skond l-artikoli 328(d) tal-Kap. 9 u l-Artikolu 15 tal-Kap. 65, w ghalhekk ta' sitt xhur.

Fil-fehma ta' din il-Qorti ghalhekk il-piena massima applikabbli ghall-kaz, hija dik bejn erba' snin u xahrejn sa erba' snin u tliet xhur.

Din il-Qorti diga' espremiet ruhha f'diversi sentenzi taghha li l-hajja umana f'certi cirkostanzi, giet konsidrata bhala rhisa zzejjed. Mhux qed tghid pero' li f'kull kaz, fejn hemm mewt involuntarju bhala rizultat t'incident tat-traffiku ghandu tassattivament ikun hemm piena ta' prigunerija, ghaliex kull kaz ivarja minn iehor, w altru negligenza ta' certu tip, u altru sewqan perikoluz u spavald. Kull kaz ghandu verament jigi trattat fuq il-mertu li jisthoqqlu, pero' l-mertu li jkun m'ghandux ikun gustifikazzjoni ghal kazijiet fejn ikun hemm tirrizulta dik l-ispavalderija u nuqqas ta' responsabbilita estrema fis-sewqan. Kulhadd ghandu jkun konxju li vettura, ghalkemm hija primarjament mezz ghal uzu ta' hajja ahjar tac-cittadin, tista' wkoll tkun arma fatali f'idejn persuni li ma humiex responsabbli bizzejjed biex jadoperawha.

Illi fil-fehma tal-Qorti dan kien kaz li seta' jigi evitat u sehh minhabba l-ispavalderija tal-imputat w ghalhekk thoss lil piena karceraja hija l-piena idoneja.

F'**R. v. Gray (2005) 149 S.J. 576, CA,** li ghaliha ssir referenza f'**Archbold Criminal Pleading, Evidence & Practice, 2006**28, jintqal hekk:

*"The court said that general considerations were, first, that whilst the test of dangerous driving was objective, the requirementmts that the driving shouldbe far below the*

*standard of the competent and careful driver, and that it would have been obvious to the same careful and competent driver that driving in that way would be dangerous, meant that it would usually be obvious to the offender that the driving was dangerous and he therefore deserved to be punished accordingly; secondly, the fact that Parliament had chosen to provide for a much heavier maximum sentence where death resulted as compared with where death did not result showed that Parliament regarded the consequences as a relevant sentencing consideration; thirdly, whilst courts should take account of the anguish of the victim's family it had to be remembered that no sentence will reconcile a family to their loss nor cure their anguish; fourthly, it was important for courts to drive home the message as to the consequences that could result from dangerous driving; drivers must know that if as a result of their dangerous driving a person was killed, no matter what the mitigating circumstances, normally only a custodial sentence would be passed; that was because of the need to deter other drivers and because of the gravity of the offence.*
*"In assessing the seriousness of an offence, the court said that culpability must be the dominant factor."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta v. Rene` sive Nazzareno Micallef</u>**, intqal ukoll li wiehed mill-iskopijiet tal-piena hu li fil-kaz ta' reati gravi "is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali." Fil-fatt il-messagg li jrid jintbaghat f'kazijiet bhal dak in ezami hu li l-hajja mhijiex irhisa u li t-tehid ta' hajja anke involontarjament ghandu jitqies bhala xi haga serja u gravi. Sta ghal-legislatur imbaghad biex jiddeciedi ghandux ikompli jenfasizza dan bl-emendi opportuni fil-ligi taghna.

**Il-Qorti ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kap 65, l-artikoli 225, 328 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 127 tal-L.S. 65.11, tiddikjara li qed ssib lil imputat LUDWIG MICALLEF <u>hati tal-akkuzi kif dedotti</u>**

**<u>kontra tieghu u tikundannah ghal piena karcerarja ta sentejn .</u>**

**Oltre dan tordna l-iskwalifika tal-licenzji tas-sewqan tieghu ghall-perjodu ta' tlett snin mil-lum bl-applikazzjoni tal-artikolu 30 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Dwar t-talba tal-prosekuzzjoni sabiex, ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez inkorsi mal-hatra ta' periti w esperti, il-Qorti tilqa’ tali talba u tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez kollha nvoluti fil-hatra tal-esperti nominati u cioe’, sebgha w sittin Lira Maltin u hamsa w ghoxrin centezmu (Lm67.25) spejjez tal-esperti tas-SOCO, tmienja w sittin Lira u disa’ centezmi (Lm68.09) bhala spejjez inkorsi ghar-rapport tal-Perit Richard Aquilina, mija w tlieta w erbghin Lira u hamsa w ghoxrin centezmu (Lm143.25) spejjez inkorsi ghall-ezami mediko legali fuq il-kadavru ta’ Clifford Micallwef, mija w tlieta u hamsin Lira u hamsin centezmu (Lm153.50) spejjez tar-rapport prezentat minn Dr. Yana Micallef Stafrace, mija w tlieta u ghoxrin Lira Maltin (Lm123) bhala spejjez tar-rapport tal-espert tekniku Joseph Zammit u mija w tnejn u tletin lira u hamsin centezmu (Lm132.50) spejjez tar-rapport tal-perit legali Dr. Stephen Farrugia Sacco, kollox ghall-ammont komplessiv ta’ sitt mija w tnejn u tmenin Lira u disgha w hamsin centezmu (Lm682.59) ekwivalenti ghal elf hames mija w disghin Ewro (€1590), u dan fi zmien tlett xhur millum, u jekk l-imputat jonqos li jhallas imqar pagament wiehed, il-bilanc dovut jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hdax-il Ewro u hamsa w sittin centezmu (€11.65) dovuta.**

**Tordna li kopja ta’ din s-sentenza tigi notifkata lid-Direttur tal-Qorti Kriminali ghal dan l-ghan.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------